

- applikat b'mod ħażin u bi żball qagħdet fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 <sup>(1)</sup>;
- bi żball invokat il-fatt illi r-rikorrenti kienet irċeviet għajnuna tal-protokoll skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000; u
- fixklet l-għan tar-Regolament (KE) Nru 141/2000 kif identifikat fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000 u l-premessi tiegħu.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 21).

<sup>(2)</sup> Komunikazzjoni (2003/C 178/02) mill-Kummissjoni dwar ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU 2003 L 178, p. 2).

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2016 – International Gaming Projects vs EUIPO – adp Gauselmann  
(TRIPLE EVOLUTION)**

**(Kawża T-82/16)**

(2016/C 136/53)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* International Gaming Projects Ltd (Valletta, Malta) (rappreżentanti: M. Garayalde Niño, A. Alpera Plazas, avukati)

*Konvenut:* L Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* adp Gauselmann GmbH (Espelkamp, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark tal-UE figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "TRIPLE EVOLUTION" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 968 138

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-02/12/2015 fil-Każ R 725/2015-2

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tammetti r-rikors;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;
- tordna r-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-UE TRIPLE EVOLUTION għal prodotti u servizzi kollha li għalihom qed tfittex il-protezzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO u/jew l-avversarju għad-drittijiet u għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Il-Bord tal-Appell ikkonkluda b'mod żbaljat li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjali kkonfrontati.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2016 – Shoe Branding Europe vs EUIPO – adidas (Pożizzjoni ta' żewġ strixxi fuq żarbuna)**

(Kawża T-85/16)

(2016/C 136/54)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Shoe Branding Europe (Oudenaarde, il-Belġju) (rappreżentant: J. Løje, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: adidas AG (Herzogenaurach, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark ikkonċernata: ir-rikorrent

Trade mark ikkonċernata: trade mark ta' pożizzjoni tal-UE, li tikkonsisti f'żewġ strixxi paralleli mqegħda fuq is-superfċji ta' barra tal-parti superjuri ta' żarbuna – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 10 477 701

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni appellata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 3106/2014-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

prinċipalment:

- tannulla d-deċiżjoni appellata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

sussidjarjament:

- tirreferi l-kawża lill-konvenut u tordna eżami mill-ġdid indipendenti mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża Nru T-145/14;

iktar sussidjarjament:

- tirreferi l-kawża lill-konvenut, tordna sospensjoni tal-proċedimenti fuq l-eżitu tal-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża Nru T-145/14, ippreżentata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Kawża Nru C-396/15 P, u meta tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'din il-kawża, twettaq evalwazzjoni tagħha tas-similitudnijiet u d-differenzi bejn it-trade marks imqabbla.

**Motivi invokati**

- il-konvenut żbalja meta ma wettaqx evalwazzjoni tiegħu tas-similitudnijiet u tad-differenzi bejn it-trade mark ikkontestata tar-rikorrenti u t-trade mark preċedenti tal-parti li qed topponi, irreġistrata bħala trade mark tal-UE Nru 3 517 646;